MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 1121/2010

**First United Insurance Brokers Limited**
**C-22502**

**vs**

**Eileen Ann Coleiro**
**ID143983-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjetajiet attrici s-somma ta' hames mija u Euro disgha u tmenin centezmu (€501.89c) rapprezentanti refuzjoni moghtija lill-istess konvenuta mill-assigurazzjoni Gasan Mamo, liema somma hekk rifuza kellha tghaddi ghand l-atturi, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallsu izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talba tas-socjeta' attrici hija totalment u kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda in toto bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, u dana stante; (i) illi fl-ewwel lok, l-istess socjeta' attrici accettat pagament a saldu ta' dak kollu dovut lilha, liema pagament l-istess socjeta' attrici sarrfet minghajr ebda rimarka u/jew riserva, u dana kollu kif dal tronde kien il-ftehim bejn rapprezentanti tas-socjeta' attrici – senjatament certa Antoine Hili – u l-konvenuta hekk kif debitament rapprezentata mill-Avukat sottofirmat; (ii) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenuta tichad ukoll illi kien hemm xi ftehim fis-sens illi apparti l-ammont illi hija hallset lis-socjeta' attrici a saldu, dina kien ser ikollha thallas ammont ulterjuri f'kaz illi hija tircievi xi rifuzjoni m'ghand is-socjeta' Gasan Mamo; (iii) Illi fit-tielet lok, u ukoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, l-attrici ma rceviet l-ebda rifuzjoni fl-ammont ta' € 501.89c minghand s-socjeta' Gasan Mamo kif tallega s-socjeta' attrici fl-avviz taghha; (iv) Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2011, fejn is-socjeta' attrici talbet korrezzjoni fl-ammont mitlub fl-Avviz tat-Talba, u talbet illi l-ammont ta' hames mija u Euro u disgha u tmenin centezmu (€501.89c) jigi sostitwit bl-ammont ta' hames mija sitta u disghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€596.24c); ra d-digriet tieghu fejn laqa' din it-talba u ordna l-korrezzjoni fl-Avviz tat-Talba.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni s-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenuta ta' bilanc dovut in konnessjoni ma' polza tal-assigurazzjoni fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni NAT 088, liema vettura jidher illi kienet irregistrata f'isem il-konvenuta, izda kienet qed tigi mhallsa minn binha, Henry Coleiro, li kien gie nieqes. Illi l-istess assigurazzjoni giet informata mill-familjari ta' Henry Coleiro illi dan tal-ahhar kien gie nieqes, u li ghalhekk kellha tigi terminata l-polza ta' assigurazzjoni relattiva ghal din il-vettura. Illi s-socjeta' attrici, li hija *broker* ghas-socjeta' GasanMamo Insurance, kienet wettqet hlas tal-*premium* dovut in konnessjoni mal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni, u ghalhekk kienet qedha titlob refuzjoni tal-ammont li hallset, u dan minghand l-assigurat taghha, li f'dan il-kaz kienet il-konvenuta. Illi peress li l-polza kienet qed tigi terminata qabel ma ddekorra l-perjodu kollu ta' kopertura, kien ser jigi mwettaq refuzjoni *pro rata* ta' parti mill-polza ta' assigurazzjoni mis-socjeta' assiguratrici GasanMamo. Illi lis-socjeta' attrici rrizultatala illi gie mwettaq il-hlas ta' dan ir-refuzjoni, u peress illi kienet wettqet il-hlas hi tal-*premium* ghan-nom tal-konvenuta – jew ahjar ghan-nom ta' binha, Henry Coleiro – allura kienet qed tippretendi illi tali refuzjoni tigi kkonsenjata lill-istess socjeta' attrici.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara wkoll illi s-socjeta' attrici giet informata illi l-vettura kienet giet trasferita ghal fuq terza persuna, certa Nastasha Xuereb, li effettivament kienet qedha tuza din il-vettura, u li kien hemm trattattivi ghaddejjin bejn l-assigurazzjoni GasanMamo u Natasha Xuereb, jew missierha Emanuel Xuereb, sabiex il-hlas tar-refuzjoni ta' parti mill-*premium* jigi mwettaq direttament lilhom.

Illi l-konvenuta, jew ahjar ir-ragel ta' bintha Alan Schembri, ddikjara illi hu kien qed jiehu hsieb il-pendenzi li halla warajh Henry Coleiro meta dan gie nieqes, u fost ohrajn, kien involut fit-trattattivi mas-socjeta' attrici dwar il-hlas tal-

bilanc li kien dovut fir-rigward tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva ghall-vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni NAT-088, liema bilanc saru jafu dwaru meta l-konvenuta rceviet *statement of account* li minnu kien jirrizulta li kien hemm bilanc dovut in konnessjoni ma’ zewg poloz ta’ assigurazzjoni ta’ vetturi, dik hawn imsemmija NAT-088 u ohra bin-numru ta’ registrazzjoni LAN-339. Illi kien f’dan l-istadju illi l-imsemmi xhud sar jaf illi d-defunt Henry Coleiro kien xtara vettura tal-ghamla Toyota ghat-tfajla tieghu, Natasha Xuereb, liema vettura inxtrat f’isem il-konvenuta permezz ta’ prokura li l-konvenuta kienet irrilaxxjat a favur binha, id-defunt Henry Coleiro. Illi bi qbil mal-istess Natasha Xuereb, kellu jsir it-trasferiment ta’ din il-vettura ghal fuq isem l-istess Natasha Xuereb, li kellha tiehu hsieb twettaq il-hlas ta’ kwalunkwe kambjali li kienu ghadhom dovuti fuq din il-vettura, kif ukoll kwalunkwe pendenzi ohra konnessi ma’ din il-vettura, inkluz kwalunkwe bilanc fuq il-polza ta’ assigurazzjoni.

Illi l-istess xhud iddikjara illi kien intlahaq ftehim mas-socjeta’ attrici – rizultanti mill-iskambju ta’ e-mails li ghaddiet bejn il-konsulent legali tal-konvenuta u r-rapprezentant tas-socjeta’ attrici – illi l-konvenuta kienet disposta illi twettaq il-hlas ta’ bilanc illi s-socjeta’ attrici kienet qed titlob il-hlas tieghu, ammontanti ghal hames mija u Euro u disgha u tmenin centezmu (€501.89c), u dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-polza ta’ assigurazzjoni in kwistjoni. Illi minkejja li tali hlas gie mwettaq u accettat, eventwalment is-socjeta’ attrici bghatet ittra datata 12 ta’ April 2010 li permezz taghha talbet il-hlas tas-somma mertu ta’ din l-azzjoni, liema ammont kien jirraprezenta r-refuzjoni *pro rata* li gie mwettaq mis-socjeta’ GasanMamo, u liema hlas is-socjeta’ attrici ddikjarat kien dovut lilha. Illi l-istess xhud, kif ukoll il-konvenuta, iddikjaraw illi l-istess konvenuta ma rceviet ebda refuzjoni minghand is-socjeta’ GasanMamo Limited, ghaliex kien intlahaq ftehim illi tali refuzjoni ghandha tircevih Natasha Xuereb, jew missierha Emanuel Xuereb.

Ikkunsidra,

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuta ghat-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont mertu ta' din il-kawza hija bbazata fuq zewg premessi, u cioe' illi meta l-konvenuta wettqet il-hlas lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u euro u disgha u tmenin centezmu (€501.89c), dan il-hlas kien qed jigi mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuta dwar din il-pendenza, oltre illi l-istess konvenuta ma rceviet ebda refuzjoni minghand is-socjeta' GasanMamo u ghalhekk ma kellha thallas ebda ammont lis-socjeta' attrici.
Illi mill-atti li gewipprezentati f'dawn il-proceduri rrizulta illi kien hemm pendenza bejn il-partijiet kontendenti dwar hlas ta' *premia* dovuti in konnessjoni ma' zewg poloz ta' assigurazzjoni li nhargu f'isem il-konvenuta in konnessjoni ma' zewg vetturi. Illi wahda minn dawn il-vetturi, u cioe' dik bin-numru ta' registrazzjoni NAT 088, il-konvenuta ma kienet taf xejn dwarha, ghaliex kienet inxtrat minn binha in forza ta' prokura li l-konvenuta kienet tat lill-istess binha, u liema vettura – ghalkemm irregistrata f'isem il-konvenuta – kienet qed tintuza minn certa Natasha Xuereb. Illi bi qbil mal-istess Natasha Xuereb, din il-vettura giet trasferita ghal fuqha, u ntlahaq ftehim ukoll mal-assigurazzjoni GasanMamo, li s-socjeta' attrici hija *broker* taghha, illi kwalunkwe refuzjoni dovuta in konnessjoni mat-terminazzjoni tal-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni, ghandha tigi mhallsa lil Emanuel Xuereb, missier Natasha Xuereb, u dan kif jirrizulta minn zewg dokumenti li kopja taghhom jinsabu a fol. 31 u 32 tal-atti, u dan in segwitu ghall-istess trasferiment.

Illi dwar il-bilanc li kien dovut mill-kovenuta lis-socjeta' attrici, tali ammont jirrizulta minn *statement of account* rilaxxjat mis-socjeta' attrici, oltre illi l-ispjega dwar l-ammont dovut tirrizulta wkoll minn e-mail datata 14 ta' Ottubru 2009 (a fol.29 tal-atti). Illi dwar il-bilanc li s-socjeta' attrici talbet il-hlas tieghu minghand il-konvenuta fl-ammont ta' hames mija u Euro u disgha u tmenin centezmu (€501.89c), dan thallas mill-konvenuta lis-socjeta' attrici permezz ta' cheque datat 21 ta' Ottubru 2009 (u li kopja tieghu tinsab a fol. 47 tal-atti), u dan wara li l-konsulent legali tal-konvenuta, permezz ta' e-mail

datata 20 ta’ Ottubru 2009 (a fol.26 tal-atti), u anke permezz ta’ ittra datata 26 ta’ Ottubru 2009 (a fol.46 tal-atti) informa lir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici illi tali hlas kien qed jigi mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici. Illi da parti taghha, s-socjeta’ attrici kkonfermat illi kienet qed taccetta dan il-hlas ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, u dan kif jirrizulta minn kopja ta’ e-mail datata 30 ta’ Ottubru 2009 (a fol.24 tal-atti), oltre illi bghatet ricevuta lill-konvenuta f’dan is-sens datata wkoll 30 ta’ Ottubru 2009 (a fol.48 tal-atti).

Illi dwar il-hlas li jkun gie mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-kreditur, il-gurisprudenza in rigward konsistentement tipprovdi illi: “...*jekk id-debitur offerent jiddikjara b’mod univoku u indubitabbli li qed joffri pagament ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-kreditur, m’ghandux dritt il-kreditur unilateralment jinjora l-mod kif offert il-pagament u jaccettah b’kondizzjonijiet u riservi li necessarjament huma inkonsistenti ma’ offerta ta’ pagament a saldu.”*[**William Apap vs Joseph Galea et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Novembru 1986]. Ili l-istess intqal fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati deciza fit-12 ta’ Jannar 2001 fl-ismijiet **St George’s Park Company Limited vs Eric Pace Bonello noe**, illi**;** *“Din il-posizzjoni diga giet ikkunsidrata diversi drabi mill-Qorti taghna u l-gurisprudenza preponderanti f’kwistjonijiet simili hija illi jekk il-kreditur jaccetta pagament mibghut lilu ghas-saldu ikun qieghed jikkonferma illi b’dak il-pagament ikun inqatel id-dejn u ma jistax jippretendi huwa li jkun baqghalu kreditu ghall-bilanc.”* Illi dawn iz-zewg estratti gew riportati fis-sentenza tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Fithome Limited vs Galaxy Holiday Resorts Limited** deciza fl-24 ta’ Mejju 2001.

Illi mill-atti li gew ipprezentati mill-partijiet jirrizulta sodisfacentement car illi l-hlas li gie mwettaq mill-konvenuta lis-socjeta’ attrici kien qed jigi mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, u gialadarba l-istess rapprezentant tas-socjeta’ attrici ddikjara illi fl-iskambju ta’ korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet ma kien hemm ebda rizerva dwar il-mod li bih kien qed jigi accettat il-hlas

mis-socjeta’ attrici, allura jsegwi illi dak li qed jigi allegat mill-istess socjeta’ attrici, u cioe’ illi l-hlas kien qed jigi accettat ghas-saldu purche’ illi s-socjeta’ attrici tircievi r-refuzjoni minghand is-socjeta’ principali GasanMamo Insurance, ma jirrizultax u ghalhekk it-Tribunal ma jistax iqis li dak li qed jigi allegat, huwa minnu. Illi ghalhekk meta s-socjeta’ attrici rceviet il-hlas minghand il-konvenuta u accettatu, dan kien qed isir b’acettazzjoni tal-fatt illi l-hlas kien qed isir ghas-saldu.

Illi fi kwalunkwe kaz, huwa pertinenti illi jigi rilevat ukoll illi mill-atti rrizulta illi l-konvenuta ma rceviet ebda refuzjoni minghand is-socjeta’ assiguratrici principali GasanMamo Insurance, u li effettivament tali refuzjoni thallas lil Natasha Xuereb, jew ahjar lil missierha Emanuel Xuereb. Illi minkejja l-fatt illi s-socjeta’ attrici kienet konsapevoli ta’ dan l-istat ta’ fatt, ghaliex dan anke gie dikjarat mir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici, madanakollu, it-Tribunal jinnota illi s-socjeta’ attrici ma hassetx il-htiega illi tinkludi lil dawn il-persuni f’din il-kawza, jew li tikkjamahom in kawza, u b’hekk tirrivolgi t-talba taghha fil-konfront taghhom.

Illi ghalhekk u fic-cirkostanzi, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, u jghaddi sabiex jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta, jichad it-talba tas-socjeta’ attrici.

L-ispejjez jkunu a karigu tas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------